

32002D0993

21.12.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 348/120

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-16 ta' Diċembru 2002****Fuq l-iffirmar f'isem il-Komunità u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fuq il-kummerċ ta' prodotti tessili bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Nepal mibdi fi Brussel fit-23 ta' Ottubru 2002**

(2002/993/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nneozjat Ftehim fuq il-kummerċ ta' prodotti tessili mar-Renju tan-Nepal f'isem il-Komunità Ewropea.
- (2) Il-Ftehim kien mibdi fit-23 ta' Ottubru 2002.
- (3) Bla ħsara għal reċiproċità, huwa xieraq li dan il-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżjonali mill-1 ta' Jannar 2003 sad-dħul fis-seħħ tal-proċeduri rilevanti għall-konklużjoni formali tiegħu,
- (4) Suġġett għall-possibiltà tal-konklużjoni tal-Ftehim f'data suċċessiva, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità,

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Nepal fuq il-kummerċ ta' prodotti tessili huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuni awtorizzati li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Suġġett għal reċiproċità, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżjonali mill-1 ta' Jannar 2003 sad-dħul fis-seħħ l-għeluq tal-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Diċembru 2002.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. FISCHER BOEL